# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Ottubru, 2020.**

**Numru 10**

**Rikors numru 55/2019 JVC**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ivan Cilia, Spettur Anna Maria Micallef)**

**v.**

**Vincent Etienne Vella**

**Il-Qorti:**

1. Permezz ta' provvediment tal-11 ta' April 2019 il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet referenza kostituzzjonali lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u staqsiet din id-domanda:-

> *"Jekk l-appellat hux qed isofri minn xi vjolazzjoni taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minħabba li ser ikun leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fl-appell minnu intavolat quddiem il-Qorti tal-Appell*

*Kriminali billi jkun ipprivat mid-dritt għad-doppio esame u dana billi inħoloq preġudizzju għalih bil-fatt illi (1) huwa ma ngħatax id-dritt li jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet bħal ma ingħatat il-prosekuzzjoni u (2) li meta d-difiża għamlet it-trattazzjoni tagħha, din it-trattazzjoni ma kinitx reġistrata u kwindi bħala riżultat, il-Qorti tal-Maġistrati ma eżaminatx id-difiża tiegħu għar-reati lilu addebitati bi vjolazzjoni għal prinċipju tal-equality of arms u tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq skond il-liġi"*.

2. B'sentenza tat-23 ta' Jannar 2020 l-ewwel Qorti ddeċidiet ir-referenza kostituzzjonali b'dan il-mod:-

*".... tiddikjara li r-rikorrent Vincent Etienne Vella ma sofriex minn vjolazzjoni tad-drittijiet tiegħu taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta għar-raġunijiet indikati fir-referenza datata 11 ta' April, 2019 u għaldaqstant tgħaddi sabiex tiċħad l-ilment ta' Vincent Etienne Vella fl-interita' tiegħu.*

*"Tordna li l-atti kollha tal-proċeduri kriminali jiġu ritornati quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali flimkien ma' kopja legali tad-deċiżjoni odjerna.*

*"Bl-ispejjeż għandhom jiġu interament sopportati mir-rikorrent"*.

3. B'rikors preżentat fit-3 ta' Frar 2020 l-appellant appella mis-sentenza bl-aggravji jkunu:-

i. Fil-kamp kriminali teżisti prezunzjoni *iuris tantum*, jekk mhux *unwritten rule*, illi trattazzjonijiet fil-kamp penali, kuntrarjament għal dawk ċivili, jiġu reġistrati speċjalment meta t-trattazzjoni verbali tissostitwixxi n-nota ta' sottomissjonijiet. Dan għaliex it-trattazzjoni hi l-*fulcrum* ta' proċeduri penali. Il-każ ma kienx sommarju u lanqas ma kien faċli. Kompla li l-avukat difensur kien jaf li t-trattazzjoni kienet

ser tkun reġistrata u għalhekk ma kienx hemm bżonn li jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet peress li kien ikun hemm *record* bil-miktub tal-argumenti li għamel l-avukat li ddefendih. Żied li waqt is-seduta l-Qorti lanqas ma kienet qegħda tieħu konjizzjoni, imqar superfiċjali, ta' dak li kien qiegħed igħid. Fis-sentenza l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali lanqas darba m'għamlet referenza għad-difiża tal-imputat. Fiċ-ċirkostanzi l-appellant ma kellux difiza effettiva quddiem il-Qorti li ġġudikatu.

ii. Għalkemm l-ewwel Qorti qalet li l-appellant ser ikollu xorta kull jedd li jqajjem id-difiża fl-istadju tal-appell bil-miktub, pero` hu magħruf li Qorti tal-Appell ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti ħlief għal raġunijiet gravi. Id-dannu li sofra l-appellant quddiem l-ewwel Qorti mhuwiex faċilment rimedjabbli. Filwaqt li l-Prosekuzzjoni tħalliet tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet tardivament, id-difiża kienet imxekkla minn ċirkostanzi li ma kellhiex kontroll fuqhom.

iii. Il-grad tal-prova li kellu bżonn jilħaq l-appellant quddiem l-ewwel Qorti ma kienx dak ta' *flagrant denial of justice*, iżda

*denial of justice*. Hu biżżejjed li fil-każ ikun hemm żbilanċ proċedurali, irrispettivament huwiex minimu jew massimu.

iv. L-ewwel Qorti naqset milli tagħmel distinzjoni bejn il-*criminal* u *civil limb* tal-jedd garantit bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Fil-kamp kriminali tingħata iktar protezzjoni. It-trattazzjoni tippermettilek tqanqal kwistjoni, tilmenta dwar proċeduri u tiġbed l-attenzjoni tal-Qorti għal ċirkostanzi jew fatti li, mingħajrhom, ma tistax issir ġustizzja. It-trattazzjoni li saret quddiem l-ewwel Qorti ma setgħet qatt tissodisfa l-għan tagħha, cioe` li l-Qorti tkun qegħda ssewgi dak li tgħid id-difiża. Is-smigħ xieraq jippreżupponi smigħ. Jekk m'hemmx smigħ, ma jistax ikun hemm smigħ xieraq.

4. Fir-rikors tal-appell l-appellant talab lil din il-Qorti sabiex:-

*"a) Tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) billi tiddikjara leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti, senjatament tad-dritt għal smigħ xieraq protett mill-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta; u kif ukoll*

*"b) Tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali billi tordna li l-atti proċesswali kollha, fl-intier tagħhom, jiġu rinvjati lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali diversament presjeduta sabiex isir retrial, u ċjoe', tisma l-każ de novo; jew alternattivament Tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali billi tordna li l-atti proċesswali kollha, fl-intiere tagħhom jiġu rinvjati lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali diversament presjeduta, u b'hekk tirripristina lill-esponenti fid-drittijiet kostituzzjonali tiegħu billi tqiegħdu fl-istatus quo ante, u ċjoe', takkordalu l-opportunita'*

*jagħmel difiża u jitratta filwaqt li tordna r-reġistrazzjoni ta' tali trattazzjoni; u kif ukoll, jekk jidhrilha xieraq*

*"c) Tagħti kwalsiasi ordni opportuna sabiex tassigura rimedju effettiv għall-vjolazzjoni surriferita u tissalvagwardja d-drittijiet kostituzzjonali tal-esponenti fl-interess aħħari tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja".*

5. Fit-18 ta' Frar 2020 l-Avukat Ġenerali wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud.

**<u>Fatti.</u>**

6. Fis-sentenza tal-ewwel Qorti issemma kif:

*"omissis*

*"iv. Fis-seduta tat-23 ta' Frar, 2016 preseduta mill-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech il-partijiet ezentaw il-Qorti li terga' tisma' x-xhieda gia mismugha. Fl-istess seduta l-Qorti tat lill-prosekuzzjoni zmien sat-28 ta' Marzu, 2016 sabiex tipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet taghha bil-visto tad-difiza. Il-kaz gie differit ghat-trattazzjoni ghas-7 ta' April, 2016 (a fol. 1306 tal- process);*

*"vi. Fis-seduta tas-7 ta' April, 2016 gie estiz il-perijodu ghal-prezentata tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-ufficjal prosekutur sal-5 ta' Mejju, 2016 bil-visto tal-kontroparti. Il-kaz gie differit ghat- trattazzjoni finali ghat-30 ta' Mejju, 2016 (a fol. 1307 tal-process);*

*"vii. Fis-27 ta' Mejju, 2016 giet ipprezentata fir-registru tal-Qrati ta' Gurisdizzjoni Kriminali n-nota ta' sottomissjonijiet tal-ufficjal prosekutur. Ma jirrizultax li din in-nota giet ipprezentata bil-visto tad-difiza (a fol. 1308 sa fol. 1315 tal-process);*

*"viii. Fis-seduta ta' tlett ijiem wara u cioe' fit-30 ta' Mejju, 2016 id- difiza talbet differiment mhux oppost sabiex tirregola ruhha. Ghalkemm il-Qorti taqbel li n-nota tal-prosekuzzjoni giet prezentata minghajr visto tal-kontro-parti, mas-seduta sussegwenti l-imputat ghandu jigi meqjus li ha kont tan-nota fl-atti. Is-seduta baqghet differita ghat-trattazzjoni ghat-18 ta' Lulju, 2016 wara li appuntu d-difiza talbet li tirregola ruhha (a fol. 1316 tal-process);*

*"ix. Fit-18 ta' Lulju, 2016 saret it-trattazzjoni orali u l-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru, 2016 (a fol. 1318 tal-process);*

*"x. Fit-30 ta' Novembru, 2016 nghatat is-sentenza (a fol. 1319 sa fol. 1350 tal-process)".*

**Konsiderazzjoni.**

7. F'proċeduri ta' din ix-xorta l-kompitu tal-Qorti Ċivili hu li twieġeb għad-domanda li tkun saritilha mill-Qorti li ordnat ir-referenza *ai termini* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u/jew tal-artikolu 4(3) tal-Kap. 319. Imbagħad il-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skond id-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. F'din il-proċedura speċjali, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma tagħtix rimedji iżda twieġeb għad-domanda dwar jekk hemmx ksur ta' drittijiet fundamentali li dwarhom ikun hemm il-kwistjoni.

8. Dak li kellha tiddeċiedi dwaru l-ewwel Qorti kien li tagħti tweġiba għad-domandi li sarulha permezz tal-provvediment li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 ta' April 2019 dwar il-kwistjoni jekk l-appellant ġiex imċaħħad mill-jedd għal smigħ xieraq minħabba li:-

i. Ma ngħatax id-dritt li jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet kif ingħatat il-prosekuzzjoni.

ii. It-trattazzjoni ma kinitx reġistrata u dan wassal sabiex id-difiża tar-rikorrent ma ġietx eżaminata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

9. F'dan ir-rigward hi ferm relevanti il-parti dispożittiva tal-provvediment li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali, li bħala fatt hi riproduzzjoni ta' dak li talab l-appellant fir-rikors li ppreżenta fid-19 ta' Frar 2019, u li taqra:

> *"Għaldaqstant, l-esponent bir-rispett jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tirreferi din il-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha, sabiex taqta' u tiddetermina:*
>
> > *"Jekk l-appellat hux qed isofri minn xi vjolazzjoni taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minħabba li ser ikun leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fl-appell minnu intavolat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali billi jkun ipprivat mid-dritt għad-doppio esame u dana billi inħoloq preġudizzju għalih bil-fatt illi (1) huwa ma ngħatax id-dritt li jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet bħal ma ingħatat il-prosekuzzjoni u (2) li meta d-difiża għamlet it-trattazzjoni tagħha, din it-trattazzjoni ma kinitx reġistrata u kwindi bħala riżultat, il-Qorti tal-Maġistrati ma eżaminatx id-difiża tiegħu għar-reati lilu addebitati bi vjolazzjoni għal prinċipju tal-equality of arms u tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq skond il-liġi"*.

10. Il-mistoqsija tal-Qorti tal-Appell Kriminali lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hi identika għat-talba li għamel l-appellant bir-rikors tad-19 ta' Frar 2019 u li wassal għall-ordni ta' referenza skont l-artikoli 46(3) tal-Kostittuzjoni u 4 tal-Kap. 319.

11. Fil-provvediment tal-11 ta' April 2019 il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet referenza għall-prinċipju ta' *equality of arms*.

12. Fis-sentenza **JFM Investments Limited v. Avukat Ġenerali** tat-30 ta' Settembru 2011, din il-Qorti qalet:

*"39. First of all, it has been stated in legal doctrine that:*

*"The most established right added to Article 6 (1) is the principle of the equality of arms. This is important to understand the operation of the underlying principle of 'fairness' and although it is not explicitly expressed in Article 6(1) it is necessarily implied. This concept comprises the idea that each party should have an equal opportunity to present his case and that neither party should enjoy any substantial advantage over his opponent." [Andrew Grotian – "Article 6 of the European Convention on Human Rights – The Right to a Fair Trial"]*

*"The right to a fair hearing supposes compliance with the principle of equality of arms. This principle, which applies to civil as well as criminal proceedings requires each party to be given a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent. In general terms, the principle incorporates the idea of a fair balance between the parties. [Harris O' Boyle and Warbick – "Law of the European Convention on Human Rights"]".*

13. Dwar jekk l-appellant ingħatax dritt mill-Qorti tal-Maġistrati li jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet, l-ewwel Qorti qalet:-

*"Illi r-rikorrent jilmenta li ser jitlef id-dritt tad-'doppio esame' quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali u dana billi ma nghatax id-dritt li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet bhal ma nghatat il- prosekuzzjoni.*

*"Issa, minn ezami tal-process jirrizulta li l-prosekuzzjoni pprezentat fir-registru tal-Qrati ta' Gurisdizzjoni Kriminali n-nota ta' sottomissjonijiet taghha fis-27 ta' Mejju, 2016. Jirrizulta li din in-nota ta' sottomissjonijiet giet ipprezentata minghajr il-visto tad-difiza u tlett (3) ijiem qabel is-seduta. Fis-seduta tat-30 ta' Mejju, 2016 id- difiza talbet differiment li ma giex oppost, sabiex tirregola ruhha u l-kawza baqghet bhas-seduti precedenti, differita ghat-trattazzjoni ghat-18 ta' Lulju, 2016.*

*"Din il-Qorti tinnota li dan id-differiment intalab ezatt wara l-prezentata tan-nota u ghalhekk tifhem li ntalab mid-difiza appuntu sabiex tiehu konjizzjoni tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni li issa kienet accessibbli fil-process u tirregola ruhha. Ghalkemm is-seduta tat-18 ta' Lulju, 2016 kienet skedata ghat- trattazzjoni, bhal ma kienu numru ta' seduti precedenti, l-Qorti tinnota li d-difiza kellha kull jedd li tressaq talba sabiex tigi awtorizzata tissottometti nota ta' sottomissjonijiet bhal ma ghamlet l-prosekuzzjoni kieku riedet, madanakollu mkien mill-atti ma jirrizulta li d-difiza ressqet tali talba la waqt is-seduti u wisq anqas permezz ta' rikors. Kif isostni l-Avukat Generali jidher li d-difiza preferiet il-linja ta' trattazzjoni orali. Di fatti dakinhar tat-18 ta' Lulju, 2016 id-difiza ghazlet li tipprocedi bis-sottomissjonijiet orali taghha u wkoll f'dan l-istadju ma saret l-ebda accenn fil-verbal ghal xi nota ta' sottomissjonijiet da parti tal-imputat.*

*"Illi jirrizulta ghalhekk mill-atti lil din il-Qorti li l-ghazla li s- sottomissjonijiet tad-difiza jsiru b'mod orali u mhux bil-miktub jew ukoll bil-miktub kienet ghazla libera tad-difiza u ghalhekk l- imputat ma jistax f'dan l-istadju tal-proceduri jallega li l-Qorti tal- prima stanza kellha xi tort fil-fatt li ma saritx nota ta' sottomissjonijiet da parti tieghu".*

14. Mill-atti tal-proċeduri kriminali hu evidenti li l-appellant fl-ebda stadju ma talab li jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet. L-appellant u d-difensur tiegħu kienu jafu li l-Prosekuzzjoni ser tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet. Tant hu hekk li kienu preżenti għas-seduta tat-23 ta' Frar 2016 meta l-Qorti tat lill-Prosekuzzjoni sat-28 ta' Marzu 2016 sabiex tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet. Saħansitra fis-seduta ta' wara (7 ta' April 2016) il-Qorti tat lill-Prosekuzzjoni sal-5 ta' Mejju 2016 sabiex tippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet u ddiferiet il-kawża għat-trattazzjoni għas-seduta tat-30 ta' Mejju 2016. Seduta li għaliha kien preżenti d-difensur tal-appellant. Kien għalhekk evidenti li d-difensur tal-appellant kien għażel li t-trattazzjoni jagħmilha bil-fomm. Imbagħad kien fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2016 li d-difiża talbet differiment sabiex tirregola ruħha. Il-Qorti tifhem, bħall-ewwel Qorti, li dan kien minħabba li fis-27 ta'

Mejju 2016 il-Prosekuzzjoni kienet ippreżentat nota ta' sottomissjonijiet. Fil-fatt dakinhar il-kawża ġiet differita għas-seduta tat-18 ta' Lulju 2016 għat-trattazzjoni, u fil-verbal ta' dakinhar hemm reġistrat li *"saret it-trattazzjoni"*.

15. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet l-appellant m'għandux jedd jilmenta li ma ngħatax id-dritt li jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet. Evidentement l-għażla tiegħu kienet li d-difensur jagħmel trattazzjoni bil-fomm.

16. Meta xehed quddiem l-ewwel Qorti, id-difensur tal-appellant (Dr Anthony Farrugia) ilmenta li waqt it-trattazzjoni kien hemm interruzzjonijiet. Qal li *"F'37 sena esperjenza ħassejtni trattat ħażin ħafna"* (fol. 14). Kompla:-

> *"Pero f'dan il-każ assolutament kien straordinarju għalija. Illi jien sibt ruħi mwaqqaf f'din... mhux imwaqqaf, attwalment mistieden li nkompli minkejja l-interruzzjonijiet, minkejja li kien hemm nies li avviċina lit-tribuna u titkellem u jieħdu l-attenzjoni tal-Maġistrat u jien niġi mistieden inkompli nonostante dawn l-interruzzjonijiet, fejn jien finalment kelli waqaft. Ħassejt kważi kważi li fiċ-ċirkostanzi kelli nieqaf għal kollox u niffirjuta li nkompli nitratta"*.

17. Pero` fid-domanda li saret mill-Qorti tal-Appell Kriminali m'hemmx referenza għal dik l-allegazzjoni tal-avukat Farrugia. Għalhekk l-ilment dwar dak li ġara waqt it-trattazzjoni li saret fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2016, hi irrilevanti għal finijiet tal-proċedura tal-lum.

18. Madankollu u f'kull każ:-

i. Il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Lulju 2016 ma fih l-ebda ilment tal-avukat Farrugia li ma kienx qiegħed jitħalla jagħmel trattazzjoni bil-mod li jixtieq. Avukat b'dawk is-snin kollha ta' esperjenza fil-Qorti żgur jaf x'inhi l-importanza tal-verbali. Ix-xhud qal li ma vverbalizzax għaliex *"ma ridtx nantagonizza lil ġudikant"* (fol. 19). Jekk kif qal hu kien hemm xi ħaġa li qiegħda ddejqu dwar dak li kien għaddej fl-Awla waqt it-trattazzjoni, kellu d-dmir li jirreġistra l-oġġezzjoni tiegħu u mhux iħalliha għaddejja qisu xejn mhu xejn. Għalkemm xehed li "*s-sottomissjonijiet ma kinux qed jiġu kkunsidrati"* (fol. 14), in-nuqqas ta' oġġezzjoni waqt it-trattazzjoni hi fiha nnifisha prova li ma kien qiegħed jiġri xejn irregolari.

ii. Dak li xehed l-avukat Dr Farrugia m'huwiex korraborat minn ħaddieħor. Għas-seduta tat-30 ta' Lulju 2016 kien hemm ukoll preżenti deputat reġistratur, l-uffiċjal prosekutur (Spettur J. Ferris) u l-avukati tal-parti civili. Ħadd minnhom ma tħarrek bħala xhud sabiex igħid x'ġara waqt li l-avukat Farrugia kien qiegħed jagħmel is-sottomissjonijiet finali. Hu faċli li persuna tilmenta dwar dak li jkun seħħ waqt seduta. Pero` il-verbal tad-deputat reġistratur hu l-aħjar prova ta' dak

li jkun ġara waqt is-seduta, meta tikkunsidra li l-verżjoni tal-avukat Farrugia mhi korraborata minn ħadd iktar. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra li dakinhar stess li saret it-trattazzjoni, il-kawża kienet differita ghas-seduta tat-30 ta' Novembru 2016, ċioe` iktar minn erba' xhur wara. Fl-ebda waqt fil-mori tad-differiment l-appellant ma ppreżenta rikors fejn talab lill-Qorti sabiex tissospendi s-sentenza għaliex ma kienx kuntent b'dak li kien seħħ waqt it-trattazzjoni. Skiet perfett għal iktar minn erba' xhur li pjuttost ikompli jagħti x'tifhem lill-Qorti li waqt it-trattazzjoni ma seħħ xejn irregolari. Lanqas ma jirriżulta li l-appellant jew id-difensur tiegħu għamlu xi verifiki mal-amministrazzjoni tal-Qorti sabiex jingħataw kopja tar-*recording* u jara t-traskrizzjoni tat-trattazzjoni jekk kif qal l-appellant fil-kamp penali hemm il-prezunzjoni li t-trattazzjoni tiġi *recorded*. L-appellant baqa' passiv qisu xejn mhu xejn u qomos biss wara li l-Qorti sabitu ħati.

19. Il-fatt li l-Qorti tat ħafna importanza fuq dak li xehed l-appellant u fuq provi oħra li fil-fehma tagħha kienu tali li jikkonvinċuha li l-verżjoni tal-appellant ma kinitx kredibbli, bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jingħad li l-Qorti ma kinitx taf x'inhuma l-argumenti tal-appellant.

20. Inoltre hu evidenti li l-Prosekuzzjoni ma ingħatat l-ebda vantaġġ fuq id-difiża għaliex fis-sentenza ma ssemmitx in-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżentat fis-27 ta' Mejju 2016. Għalhekk l-argument li għamel l-appellant li l-inqas li kellha tagħmel il-Qorti tal-Maġistrati kien li tordna l-isfilz tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni, hu fieragħ.

21. B'referenza għall-ilment dwar ir-*recording* tat-trattazzjoni, m'hemm xejn fil-liġi li jeżiġi li tkun irrekordjata. Lanqas ma jirriżulta li d-difensur tal-appellant talab li t-trattazzjoni tkun irrekordjata. L-appellant qal li hu *'impliċitu anke de lege'* li t-trattazzjoni tkun reġistrata. F'dan ir-rigward għamel referenza għall-artikolu 376(1) tal-Kodiċi Kriminali. Skond paragrafu (a) tal-artikolu 376(1) dak li għandu jniżżel il-Maġistrat jew ir-Reġistratur huma:-

> *"kull eċċezzjoni ta' inkompetenza tal-qorti, jew ta' inammissibbilita' jew estinzjoni ta' azzjoni, jew ta' inammissibbilita' ta' prova kif ukoll kull digriet li bih tiġi miċħuda dik il-prova"*.

22. Disposizzjoni li bl-ebda mod ma tagħti wieħed x'jifhem li trattazzjoni għandha tkun irrekordjata. Dan apparti li fid-darbtejn li xehed quddiem il-Prim'Awla (seduta tas-17 ta' Mejju 2019 u 29 ta' Mejju 2019), l-ilment tal-avukat Farrugia kien li l-Maġistrat ma kinitx attenta għal dak li qiegħed igħid.

23. L-appellant argumenta li fil-kamp penali teżisti, *".... prezunzjoni iuris tantum, jekk mhux unwritten rule, illi trattazzjonijiet fil-kamp penali, kuntrarjament għal dawk ċivili, jiġu irreġistrati, speċjalment meta tali trattazzjoni hija l-pern (il-fulcrum) ta' proċeduri penali quddiem l-ewwel istanza"*. L-appellant ma spjegax minn fejn suppost tirriżulta dak li jsejjaħ bħala presunzjoni *iuris tantum*. Dan apparti li meta kawża ta' dik ix-xorta tiġi deċiża fil-meritu, il-'*fulcrum'* tal-proċeduri (kif irrefera għalih l-appellant) ikunu l-provi li ressqu l-partijiet. Punti ta' fatt jiġu deċiżi fuq il-provi li jkunu nġabru fil-kors ta' proċeduri irrispettivament jekk hijiex kawża ċivili jew kriminali. Kienet l-għażla tal-appellant li t-trattazzjoni ssir bil-fomm, minkejja li kieku ried kellu kull opportunita` li ssir bil-miktub kif għamlet il-Prosekuzzjoni.

24. Pero` waqt it-trattazzjoni d-difensur tal-appellant għamel referenza għad-dokument li hemm a fol. 15 tal-proċess kriminali. Ordni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) skond l-artikolu 3 u 4 tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni Elettro-Manjetiċi ta' Proċedimenti (Kap. 284), li taqra:

> ***"Tordna li dawn il-proċeduri kif ukoll is-sustanza tax-xhieda tiġi reġistrata b'mezzi elettromanjetiċi u illi ssir it-traskrizzjoni tagħhom skond il-liġi"***.

25. Skont l-artikolu 2 ta' dik il-liġi:-

> *"proċedimenti tinkludi xiehda, **sottomissjonijiet verbali**, deċiżjoni ta' arbitru, konstatazzjoni, ordni, digriet, deċiżjoni jew sentenza u kull kliem li jingħadu fil-qorti bil-miftuħ jew in camera waqt it-tmexxija tax-xogħol tal-qorti"*.

26. Imbagħad skond artikolu 3 tal-istess liġi, *“..... kull qorti tista’ tordna li l-proċedimenti tagħha jew xi parti minnhom jiġu reġistrati b’mezzi elettro-manjetiċi”*, bid-dmir tar-Reġistratur ikun li *“(2) .... r-reġistrazzjoni fuq it-tapes tiġi traskritta”*. Subinċiż (5) tal-istess disposizzjoni tipprovdi:

> *“(5) It-tapes għandhom jitqiesu li jagħmlu parti mill-atti tal-proċedimenti tal-qorti sakemm ma jitħassrux skond id-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att”*.

27. L-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet ordni wiesa’ u għalhekk tinkludi s-sottomissjonijiet orali.

28. Madankollu fil-mori tal-appell irriżulta li t-trattazzjoni tal-avukat Farrugia kienet ġiet irrekordjata u saret ukoll it-*transcript*. Fil-fatt permezz ta’ nota preżentata fil-15 ta’ Ġunju 2020 ir-Reġistratur Qrati u Tribunal Kriminali ippreżentat kopja tat-traskrizzjoni tat-trattazzjoni, u ikkonfermat li bi svista it-traskrizzjoni ma tpoġġietx fil-proċess tal-kawża kriminali.

29. Ovvjament ir-*recording* tat-trattazzjoni kellu jservi l-iktar lill-ġudikant li kellha tikteb is-sentenza, ġialadarba normalment ma tingħatax dakinhar li ssir it-trattazzjoni. Hi fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk għandhiex tirrekordja s-sottomissjonijiet verbali. Madankollu f’dan il-każ kien hemm ordni li trattazzjoni tkun irrekordjata.

30. Effettivament f’dan il-każ hemm prova li t-trattazzjoni tal-avukat Farrugia kienet irrekordjata u saret ukoll traskrizzjoni tagħha.

Traskrizzjoni li minnha jirriżulta kemm l-avukat Farrugia ma kienx korrett meta xehed li l-Maġistrat ma kinitx attenta għal dak li xehed u li kien hemm interruzzjonijiet. Fil-fatt id-difensur tal-appellat stess waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, irrikonoxxa li mit-traskrizzjoni hu evidenti kemm il-Maġistrat kienet attenta għal dak li kien qiegħed igħid l-avukat Farrugia tant li kemm-il darba għamlet osservazzjoni waqt l-istess trattazzjoni. Il-Qorti qrat it-traskrizzjoni u minnha hu evidenti li l-Maġistrat kienet altru milli attenta għal dak li kien qiegħed igħid id-difensur tal-appellant. L-istess, kuntrarjament għal dak li ta x'jifhem l-avukat Dr Farrugia meta xehed quddiem l-ewwel Qorti, ma jirriżultax li kien hemm xi interruzzjonijiet waqt l-istess trattazzjoni.

31. Ovvjament bil-prova li t-trattazzjoni kienet rekordjata u saret it-traskrizzjoni, ġie fix-xejn l-ilment tal-appellant li t-trattazzjoni ma ġietx irrekordjata.

32. Issa l-appellant ħareġ b'argument ġdid, ċioe` li ġialadarba t-traskrizzjoni ma tpoġġietx fil-proċess il-Maġistrat ma ħaditx konjizzjoni tagħha u għalhekk ma ingħatax smigħ xieraq. F'dan ir-rigward din il-Qorti tosserva li:

i. Hu fatt li fil-proċess ma kienx hemm it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tal-avukat Farrugia;

ii. Ma kien hemm xejn x'iżomm lill-appellant milli qabel is-sentenza tal-ewwel Qorti u l-appell, jagħmel verifiki biex jiddetermina jekk it-trattazzjoni ġiet rekordjata u kinitx tpoġġiet fil-proċess;

iii. It-trattazzjoni li għamel l-avukat Dr Farrugia m'għamlet l-ebda prova fil-kawża kriminali;

iv. M'hemm l-ebda prova li turi li l-Maġistrat ma kellhiex kopja tat-traskrizzjoni għad-disposizzjoni tagħha, irrispettivament kinitx *soft copy* jew *hard copy*.

v. Jekk issa l-appellant qiegħed jirraġuna li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hi nulla għaliex fl-atti ma kienx hemm it-traskrizzjoni tar-*recording*, dik hi materja li setgħet faċilment titqajjem u tkun deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

vi. Meta taqra t-trattazzjoni u s-sentenza tal-ewwel Qorti, hu altru milli evidenti li l-preżenza tat-trattazzjoni fil-proċess ma kienet ser tagħmel l-ebda differenza għall-Qorti li tat is-sentenza.

vii. Wieħed irid jiftakar li għalkemm kienu għaddew erba' xhur mid-data tat-trattazzjoni sad-data meta ingħatat is-sentenza, it-trattazzjoni kienet saret quddiem il-Qorti. Trattazzjoni li mit-traskrizzjoni turi wkoll li l-Maġistrat kienet ferm attenta għal dak li kien qiegħed igħid id-difensur ta' Vella. Għalhekk hu għal kollox skorrett l-appellant meta fir-rikors tal-appell argumenta li

sa mill-bidunett tal-proċeduri l-Qorti tal-Maġistrati ma kinitx edotta mill-argumenti tad-difiża. Dik il-Qorti altru milli kienet edotta u waslet għall-konklużjoni li l-verżjoni li ta l-appellant ma kinitx kredibbli. Konklużjoni li waslet għaliha wara li kkunsidrat dak li kien xehed l-istess appellant.

33. Issemma wkoll li l-każ in eżami kien każ kumpless. Hu veru li fil-proċess hemm kwantita` konsiderevoli ta' dokumenti. Madankollu n-numru ta' dokumenti ma jiddeterminax il-kumplessita` o meno tal-proċess. Il-Qorti lanqas mhi konvinta li l-każ hu kumpless daqs kemm qiegħed jipprova jagħti x'jifhem l-appellant. Fir-realta` f'dan il-każ il-Qorti kellha quddiemha żewġ verżjonijiet. Dik ta' Vincenzo Giuliano u tal-appellant. Minn qari tas-sentenza jirriżulta li l-Qorti tat ħafna importanza fuq dak li xehed l-appellant innifsu. Evidenti li m'emmnitx il-verżjoni tal-appellant li l-flus ħadhom bil-kunsens ta' Vincenzo Giuliano u li l-istess Giuliano kien minn jeddu ħallaslu x-xiri ta' vetturi. Il-Qorti ma waqfitx hemm iżda tat ir-raġunijiet ċari li wassluha għall-konklużjoni ta' ħtija tal-akkużat (ara paġni 18-21 tas-sentenza).

34. Kif jintqal fil-*Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights* (April 2020) pubblikat mill-QEDB:

> *"169. Reasoned decisions serve the purpose of demonstrating to the parties that they have been heard, thereby contributing to a more willing acceptance of the decision on their part. In addition, they oblige judges to base their reasoning on objective arguments, and also preserve the*

*rights of the defence. National courts should indicate with sufficient clarity the grounds on which they base their decision. The reasoned decision is important so as to allow an applicant to usefully exercise any available right of appeal (Hadjianastassiou v. Greece). However, the extent of the duty to give reasons varies according to the nature of the decision and must be determined in the light of the circumstances of the case (Ruiz Torija v. Spain, § 29).*

*"170. While courts are not obliged to give a detailed answer to every argument raised (Van de Hurk v. the Netherlands, § 61), it must be clear from the decision that the essential issues of the case have been addressed (Boldea v. Romania, § 30; Lobzhanidze and Peradze v. Georgia*, § 66) and that a specific and explicit reply has been given to the arguments which are decisive for the outcome of the case (Moreira Ferreira v. Portugal (no. 2) [GC], § 84; S.C. IMH Suceava S.R.L. v. Romania, § 40, concerning contradictions in the assessment of evidence)"*.

35. Kif osservaw l-awturi Jacobs, White and Ovey:

*"If a court gives some reasons, then prima facie the requirements of Article 6 in this respect are satisfied, and this presumption is not upset simply because the judgement does not deal specifically with one point considered by the applicant to be material"*.[1]

36. Imbagħad fis-sentenza **Gordon Agius v. Avukat Ġenerali** tal-20 ta' Diċembru 2000, din il-Qorti qalet:

*"Illi s-sentenza ta' kull Qorit kellha neċessarjament tinvesti, tiddelibera u tagħti opinjoni fuq kull kwistjoni ta' fatt u dritt sollevati mill-partijiet. Kif kull Qorti għandha dritt – anzi l-obbligu – li, fir-rispett tar-regoli li jassiguraw smigħ xieraq u adegwat, tidderiġi l-andament tal-proċess, inluż li tirregola l-ġbir tal-provi u tindirizza t-trattazzjoni fuq dawk il-punti li fil-fehma tagħha jkun essenzjali għad-determinazzjoni tal-mertu, hekk ukoll kull Qorti kellha d-dritt – anke jekk mhux l-obbligu – li fis-sentenza titratta biss dawk l-aspetti ta' fatt u dritt li kienu essenzjali biex ikunu ċari l-linji deċiżjonali li mmotivaw id-deċiżjoni tagħha. Hu wkoll ovvju illi l-fatt li Qorti fis-sentenza tagħha ma tkunx investit materja sollevata minn xi parti, bl-ebda mod ma jfisser illi dik il-materja ma tkunx ġiet attivament kunsidrata minnha"*.

[1] B. Rainey, E. Wicks u C. Ovey, *The European Convention on Human Rights* (OUP, 7th ed, 2017) 294.

37. Sentenza iktar riċenti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem hi dik li ngħatat fis-27 ta’ Frar 2020 fl-ismijiet **Lobzhanidze and Peradze v Georgia** (21447/11 u 35839/1) li qalet:-

*“65. Article 6 § 1 of the Convention obliges the domestic courts to indicate with sufficient clarity the grounds on which they base their decisions (see, among other authorities, Taxquetv. Belgium [GC], no. 926/05, § 91, ECHR 2010, and Nikolay Genov v. Bulgaria, no. 7202/09, § 27, 13 July 2017). The extent to which that obligation applies may vary according to the nature of the decision in question and must be determined in the light of the circumstances of each case (see Ruiz Torija v. Spain, 9 December 1994, § 29, Series A no. 303-A; García Ruiz v. Spain[GC], no. 30544/96, § 26, ECHR 1999-I; and Moreira Ferreira v. Portugal (no.2) [GC] (no. 19867/12, § 84, 11 July 2017).*

*“66. Without requiring a detailed answer to every argument advanced by the complainant (see Fomin v. Moldova, no. 36755/06, § 31, 11 October 2011), that obligation presupposes that **parties to judicial proceedings can expect to receive a specific and explicit reply to those arguments that are decisive for the outcome of those proceedings** (see, among other authorities, Moreira Ferreira, cited above, § 84; Tchankotadze v. Georgia, no. 15256/05, § 103, 21 June 2016; and Deryan v. Turkey, no. 41721/04, § 33, 21 July 2015). It must be clear from the decision that the essential issues of the case have been addressed (see Boldea v. Romania, no. 19997/02, § 30, 15 February 2007, and Uche v. Switzerland, no. 12211/09, § 37, 17 April 2018)”.*

38. Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati hi motivata irrispettivament taqbel jew ma taqbilx magħha. Fil-parti tas-sentenza fejn hemm il-motivazzjoni, l-appellant ingħata risposta ċara u dettaljata ta’ x’wassal lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex tikkonkludi li l-appellant hu ħati, u dan jinkludi:-

a. Is-salarju ‘modest’ li kellu u l-istil ta’ ħajja li kien qiegħed igħix;

b. Trasferiment ta’ flus mill-kont tal-kumpanija li timpjegah għall-kontijiet ta’ familjari tal-appellant. Il-Qorti osservat li wieħed mill-kontijiet, li nfetaħ f’isem missier l-appellant, kien infetaħ wara li l-appellant beda jaħdem mal-kumpanija tal-*gaming*;

c. Fuq il-post tax-xogħol l-appellant kellu d-dmir li jagħmel ħlasijiet permezz ta’ internet banking mill-kont tal-kumpanija. Kellu l-*internet key* u wkoll il-*password*;

d. Il-flus baqgħu ħerġin mill-kont tal-kumpanija wkoll meta Vincenzo Giuliano kien imsiefer l-Italja;

e. Ma kienx jitwemmen meta qal lill-Qorti li l-vetturi kien jirreġistrahom f’isem missieru minħabba raġunijiet ta’ insurance. Il-Qorti osservat kif l-appellant kellu iktar minn 25 sena meta inxtraw il-vetturi;

f. Vincenzo Giuliano kien jaf kemm kien strett il-kontroll tal-Lottery and Gaming Authority fuq kontijiet. Ma kienx verosimili li jipperikola l-liċenzja li l-kumpannija kellha f’Malta. Inoltre, li l-appellant stess kien qal li l-kontijiet kienu *‘clients account’* u għalhekk inħolqu biex klijenti tal-kumpannija jitħallsu l-flus li jkunu rebħu;

g. Meta bagħat ir-riżenja tiegħu minn mal-kumpanija, l-appellant irringrazzja lil Giuliano tal-opportunitajiet li tah

matul l-impjieg u ma lissen xejn li kien qiegħed jingħata l-ħtija għal xi ħaġa li m'għamilx.

39. Wieħed irid jiftakar li f'dan il-każ partikolari l-appellant għażel minn jeddu li jixhed, u ġustament il-Qorti tal-Maġistrati kellha bilfors tikkunsidra jekk il-verżjoni li ta kellhiex mis-sewwa meta tikkunsidra provi oħra li kien hemm fl-atti. Mis-sentenza hu ċar li l-Qorti ikkonkludiet li l-akkużat ma qalx is-sewwa meta qal li kien Giuliano li tah struzzjonijiet biex joħroġ il-flus mill-kont.

40. Il-fatt li fis-sentenza ma ssemmewx il-punti ta' fatt li seta' semma d-difensur tal-appellant waqt it-trattazzjoni u li fil-fehma tiegħu kienu rilevanti għaliex juru li Giuliano ma kienx kredibbli, ma jfissirx li l-Qorti tal-Maġistrati ma kkunsidrathomx. Hu ċar li għall-Qorti l-fatti li għamlet referenza għalihom u r-raġunament li għamlet dwarhom, ma ħallewx dubju li l-appellant kien ħati ta' approprijazzjoni indebita tas-somma ta' €345,000 u *money laundering*.

41. L-appell li l-appellant ippropona fil-Qorti tal-Appell Kriminali hu bażat fuq tliet aggravji:-

i. In-nullita` tas-sentenza tal-ewwel Qorti minħabba li nstab ħati tar-reat ta' *money laundering* skont l-artikolu 3 tal-Att

kontra l-Money Laundering (Kap. 373), meta fit-3 ta' Lulju 2013 l-Avukat Ġenerali bagħat lura l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex tiddeċiedi l-akkużi kontra l-appellanti skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li ssemmew mill-istess Avukat Ġenerali. L-appellant qal li l-artikolu 3 tal-Kap. 373 ma kienx wieħed mid-disposizzjonijiet li ssemmew mill-Avukat Ġenerali, u madankollu fis-sentenza xorta instab ħati ta' reat taħt dik id-disposizzjoni.[2]

ii. Dwar l-apprezzament tal-provi. Fir-rikors tal-appell li ppreżenta mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ilmenta li:

> *"1) Verżjoni konfliġġenti għall-aħħar bejn dak li xehed ix-xhud tal-prosekuzzjoni Vincenzo Giuliano u dik konfliġġenti mogħtija mill-appellant fuq il-pedana tax-xhieda;*
>
> *2) Provi anke dokumentarji fil-proċess li juru b'mod inkonfutabbli li Giuliano huwa xhud għal kollox inaffidabbli, u gideb dwar aspetti numerużi tal-każ;*
>
> *3) Sottomissjonijiet dwar in-natura tal-akkużi miġjuba kontra l-appellant u għaliex dawn m'għandhomx l-elementi meħtieġa sabiex tinstab ħatja dwar il-fatti esposti mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tal-aġir tal-appellant anke jekk ippruvat".*

[2] Fil-parti dispożittiva tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hemm stampat: *"Għal dawn il-motivi din il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat, wara li rat l-artikoli 17, 18, 23, 31, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 3 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, ssib l-imputat ħati tal-akkużi l-oħra kollha u tikkundannah għal għaxar snin priġunerija u multa ta' €95,000".*

iii. Dwar il-piena li l-appellant isostni li hi eċċessiva.

42. Għal dak li jirrigwarda l-ilment relatat mal-fatt li l-appellant instab ħati tar-reat ta' *money laundering* meta jsostni li l-Avukat Ġenerali ma kienx akkużah b'dak id-delitt, hi kwistjoni li ser ikollha tiddeċiedi dwarha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Pero` hu evidenti li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ikkunsidrat li d-dokument li bagħat l-Avukat Ġenerali *ai termini* tal-artikolu 370(1)(3)(a) tal-Kodiċi Kriminali kien jinkludi fih dak ir-reat. Fil-fatt fil-bidunett tad-dokument (fol. 1141 tal-proċess kriminali) jissemma l-artikolu 3 tal-Att Kontra l-Money Laundering (Kap. 373) u hemm stampata l-ordni tal-Avukat Ġenerali li l-appellant:

> *"jiġi pproċessat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (MALTA) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fuq l-akkużi miġjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti tal-istess Att".*

43. Waqt it-trattazzjoni l-Maġistrat għamlet referenza għad-dokument a fol. 1141 li kien bagħat l-Avukat Ġenerali, u fejn fil-bidu tad-dokument kien hemm referenza għall-Money Laundering Act. F'mument minnhom id-difensur tal-appellant ta raġuni lill-Qorti u kkonferma li fl-ewwel parti tad-dokument tal-Avukat Ġenerali, kien jissemmew disposizzjonijiet minn dak l-Att.

44. Evidenti li għall-Qorti tal-Maġistrati kien ovvju li l-akkuża ta' *money laundering* li kienet inkluża fl-imputazzjonijiet li għamlet il-Prosekuzzjoni

kontra l-appellant meta tressaq il-Qorti, kienet waħda mill-akkużi. Tant hu hekk li kkunsidrat l-element tar-reat fid-dettall u sabet lill-appellant ħati wkoll ta' dik l-akkuża. Bil-mod li ddeċidiet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hu ċar daqs il-kristall li kkunsidrat li l-ordni tal-Avukat Ġenerali kienet tinkludi l-akkuża tal-*money laundering*. Ovvjament issa l-appellant ser ikollu l-opportunita` li l-punt ta' liġi jiġi kkunsidrat mill-Qorti tal-Appell Kriminali, u għalhekk m'għandux dwar xiex jilmenta.

45. Mir-rikors tal-appell hu evidenti wkoll li l-appellant jippretendi li bil-verżjoni li ta, u li fil-fehma tiegħu kienet konsistenti, il-verżjoni ta' Giuliano u d-dokumenti eżibiti, il-Qorti kellha tasal għal konklużjoni waħda, li l-appellant hu innoċenti. Fit-trattazzjoni l-enfażi tad-difensur tal-appellant kienet fuq dak li xehed Giuliano. Pero` fis-sentenza tat-30 ta' Novembru 2016 hemm spjegat b'mod ċar ir-raġunijiet li wasslu lill-Qorti sabiex issib ħtija. Is-sentenza żgur li fiha r-raġunijiet li wasslu lill-Qorti sabiex tiddeċiedi li l-appellant hu ħati. Għal dak li jirrigwarda apprezzament ta' provi, il-Qorti tal-Maġistrati ma emmnitx li l-appellant kien qiegħed jieħu flus mingħand il-prinċipal tiegħu fuq ordnijiet ta' Giuliano u spjegat għalfejn. Issa ovvjament ser tkun il-Qorti tal-Appell Kriminali li trid tikkunsidra l-provi mill-ġdid u tasal għall-ġudizzju tagħha, ġialadarba jeżisti d-dritt ta' appell fuq punti ta' fatt. Il-proċess kriminali għadu m'huwiex mitmum. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiddeċiedi dwar il-lanjanza tal-appellant li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta'

Ġudikatura Kriminali skartat dak li xehed Giuliano, u li fil-fehma tal-avukat Farrugia kellu jwassal lil dik il-Qorti li dak li għamel l-appellant kien fuq ordni ta' Giuliano. Dan żgur m'huwiex eżerċizzju li għandu jsir f'proċeduri kostituzzjonali meta l-kawża kriminali għadha pendenti.

46. L-istess jingħad fir-rigward ta' dak li l-appellant qal fir-rikors tal-appell li ppreżenta mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fir-rigward tal-elementi tar-reat. L-appellant qiegħed isostni li qatt ma seta' jinstab ħati ta' approprijazzjoni indebita imma semmai ta' serq, għaliex isostni li skont il-Prosekuzzjoni fl-ebda ħin *".... ma ingħata flus in partikolari sabiex jużahom għal skop, u dan minflok użahom sabiex jixtri oġġetti għalih"*. Kompla:-

> *"Illi l-flus fil-kont, bħalma huma dawk il-flus fil-kexxun ipotetiku, kienu dejjem fil-pussess tas-sid, u l-appellant safejn qallu s-sid għamel bihom kif qallu, iżda biex xtara oġġetti għalih, l-appellat effettwa 'contrectatio invito domino' direttament mill-kont u għalhekk 'se mai' ikkommetta serq u mhux approprijazzjoni indebita"*.

47. Min-naħa l-oħra l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ikkonkludiet li l-każ kien wieħed ta' approprijazzjoni indebita, u fis-sentenza hemm spjegat kif waslet għal dik il-konklużjoni (ara paġni 18 u 19 tas-sentenza). Hu veru li fis-sentenza ma jissemmiex espressament ir-reat ta' serq, madankollu hu ovvju li l-fatt li l-Qorti ikkonkludiet li l-każ kien wieħed ta' approprijazzjoni indebita jeskludi s-serq. Issa ovvjament il-Qorti tal-Appell Kriminali, wara li tqis ir-raġunament tal-ewwel Qorti u l-argumenti tal-appellant, tagħmel il-

konsiderazzjonijiet u tasal għal konklużjonijiet tagħha dwar jekk hemmx l-elementi għar-reat ta' approprijazzjoni indebita jew dawk ta' serq. Hekk ukoll fis-sentenza hemm ukoll spjegazzjoni dwar l-element tar-reat ta' *money laundering* u ikkonkludiet li f'kull każ l-appellant xorta kien jinstab ħati ta' riċiklaġġ.

48. L-appellant ilmenta wkoll li l-ewwel Qorti ma kkunsidratx il-prinċipju li *"... qorti tal-appell ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti ħlief għal raġunijiet gravi"*. Il-Qorti ma taqbilx. L-argumenti li l-appellant qal li għamel quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, għamilhom ukoll fir-rikors tal-appell li ppreżenta mis-sentenza tat-30 ta' Novembru 2016. L-appell tiegħu jitratta dwar punti ta' liġi u ta' fatt. Quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ser isir proċess ieħor, fejn dik il-Qorti ser tiddetermina jekk l-ewwel Qorti għamlitx żball ta' fatt u/jew ta' liġi bażat fuq il-provi u dak li hemm fl-atti tal-proċeduri kriminali. Il-ġurisprudenza hi ċara, fis-sens l-Qorti tal-Appell Kriminal xorta ser tagħmel l-apprezzament tal-provi u wara li tqis l-aggravji tal-appellant ser tiddetermina, *"... jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni"* (**Il-Pulizija v. Elvis Falzon** deċiża mill-Qorti tal-Appell

Kriminali fit-8 ta' Marzu 2007). Imbagħad fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** deċiża fl-1 ta' Diċembru 1994, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet:-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta .... , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament".*

49. Għalhekk il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li qiegħed jirraġuna daqslikieku l-appell sar għal xejn. Fl-istadju tal-appell ser jerġa jsir *assessment* tax-xhieda li nstemgħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u provi oħra, u l-qorti ta' reviżjoni tasal għal konklużjoni tagħha.

50. Għar-raġunijiet li diġa` ingħataw, il-Qorti lanqas taqbel mal-appellant li quddiem l-ewwel Qorti kien hemm żbilanċ proċedurali. L-istess jingħad għal dak li jirrigwarda l-aħħar aggravju fejn l-appellant baqa' jinsisti li kull ma sar kienet *'psewdo trattazzjoni'* għaliex il-Maġistrat ma kinitx attenta u ssegwi dak li kien qiegħed igħid id-difensur l-appellant. It-traskrizzjoni tat-trattazzjoni turi l-oppost, ċioe` li l-Maġistrat segwiet b'mod attent dak li qal l-avukat Farrugia waqt it-trattazzjoni u waqt it-trattazzjoni pparteċipat bis-sħiħ.

51. L-appellant sa wasal biex igħid li d-dritt għal adversarial proceedings ġie leż meta wieħed jikkunsidra li d-dritt jimplika: *"the opportunity for the parties to have knowledge of and <u>comment on all evidence adduced or observations filed</u>"* (ara l-aħħar faċċata tar-rikors tal-appell). L-appellant altru milli kellu l-opportunita` li jikkummenta dwar il-provi li hemm fl-atti u wkoll l-osservazzjonijiet li saru mill-Prosekuzzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kollha kontra l-appellant Vella.

Tordna lir-Reġistratur sabiex jieħu ħsieb li minnufih kopja tas-sentenza titpoġġa fil-proċess tal-proċeduri kriminali li għadhom pendenti fil-Qorti tal-Appell Kriminali.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr